Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9332 — Ericsson/Kathrein Antenna and Filter Assets)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 245/06)

1. Fil-15 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Telefonaktiebolaget LM Ericsson (publ) inklużi s-sussidjarji tagħha ("Ericsson", l-Iżvezja),

— Kathrein SE inklużi s-sussidjarji tagħha ("Kathrein Group", il-Ġermanja).

Ericsson takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku ta' partijiet minn Kathrein Group. Il-konċentrazzjoni proposta tikkonċerna biss in-negozju ta' Kathrein Group f'antenni passivi u filtri bħala komponenti għal tagħmir ta' netwerks mobbli.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Ericsson: fornitur ta' tagħmir tan-netwerk u softwer, kif ukoll servizzi għal operazzjonijiet tan-netwerk u tan-negozju,

— għal Kathrein Group: fornitur ta' soluzzjonijiet tat-teknoloġiji tal-komunikazzjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9332 — Ericsson/Kathrein Antenna and Filter Assets

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").